~~*bijiet ta' l-arti li ħarġu u twettqu minn Dawk il-Kbar li dehru, ma' tul l-Istorja taż-żminijiet, imsaħħrin għall-Art Imqaddsa.*~~

~~IT-TIENI TAQSIMA *mbagħad, tfittex li tqanqal fikom l-IMĦABBA. Il-Bniedem hekk hu mfassal: l-ewwel jagħraf, imbagħad iħoss; l-ewwel jifhem, imbagħad jinġibed u jimxi għal wara dak li jkun għaraf li huwa sewwa, tajjeb, u sabiħ.*~~

~~*O Ħunta Maltin, mela, bid-dawl li tieħdu minn dan il-Qari fuq is-Santwarji tal-fidwa tagħna, tinġibdu biex tħobbu lil Kristu-Feddej, li hekk għallimna u ħabbna minn dawk l-Imkejjen għeżież ta' l-ART IMQADDSA.*~~

~~*ID-DIREZZJONI.*~~

~~*Nhar il-Milied ta' l-1954.*~~

---

# IS-SALIB TA' L-ART IMQADDSA

Il-Bandiera ta' l-Art Imqaddsa, jiġifieri dik il-Bandiera li jtellgħu r-Rħieb Franġiskani fuq il-knejjes tagħhom, fil-Palestina, fil-Ħdud u l-għejjieda, hija Bandiera bajda; u f'nofsha salib kbir aħmar, bl-erba' rjus daqsin sew; u b'erba' slaleb żgħar, salib f'kull rokna tas-salib il-kbir.

Din il-bandiera hija qadima wisq, għalhekk ħadd ma jaf min kien l-ewwel wieħed li sawwarha, u anqas il-ħames slaleb x'ifissru sew. Min igħid ħaġa u min igħid oħra.

Hawn min igħid li l-bandiera bil-ħames slaleb sawwarra l-Imperatur Kostantinu u taha lit-taqsima tas-suldati Nsara li kellu fit-tajfa tiegħu. Is-salib il-kbir kien irid ifisser bih dak is-salib li deherlu fis-sema meta kienet qorbot biex tgħib ix-xemx, u dawk l-erba' slaleb żagħar huma l-erba' kelmiet bil-Latin: *"In — Hoc — Signo — Vinces"*, li jfissru: *B'din il-egħliema tirbaħ.* Għall-ħeffa, fuq il-bandiera, ma qagħadx jikteb kliem, imma sawwar erba' slaleb, salib f'kull tarf.

Hemm oħrajn li jidhrilhom li dik il-bandiera kienet imsawwra fi żmien is-Salibijin, jew Kroċjati, u s-slaleb kienu jfissru l-Ħames Nifdiet ta' Sidna Ġesù Kristu. Is-salib il-kbir ifisser in-Nifda tal-Qalb, u l-erba' slaleb żgħar, it-tnejn ta' fuq in-Nifdiet ta' l-Idejn, u t-tnejn ta' taħt, in-Nifdiet tar-Riġlejn ta' Ġesù Kristu.

Hemm nies, fl-aħħar, li jifhmu ħaġ'oħra. Dawk il-ħames slaleb ifissru ħames saltniet. Il-salib il-kbir ifisser is-saltna tal-Papa u l-erba' slaleb żgħar ifissru l-erba' saltniet li kienu jitgħatu n-nies jiġġieldu mat-Torok biex jifdu l-Qabar ta' Kristu u l-Art Imqaddsa mill-għedewwa, jiġifieri: l-Italja, Spanja, Franza u l-Ingilterra.

It-tliet tifsiriet huma sbieħ u tajbin. Huma x'inhuma dawk il-ħames slaleb, huwa dejjem minnu li dik il-bandiera li fiha jinsabu jistħoqqilha qima u ġieħ, għax kull min refagħha ried dejjem iwassal l-Aħbar tas-Salib, jiġifieri tal-Fidwa, sa l-erbat irjieħ tad-dinja.



**Il-Wisq Rev. Patri NICOLA MAGRO, O.F.M.**
**S. Theol. Lect., Gen. Jub.**
**KUMMISSARJU TAT-TERRA SANTA**

*(Meta l-Wisq Rev. Patri Nikol Magro, ta' Ġieżu, sar Kummissarju tat-"Terra Santa", wieħed mill-ewwel ħsibijiet li ġewh, kien, li jibda joħroġ Rivista fuq l-Imkejjen Imqaddsa ta' Ġerusalemm. Dan ma setax jagħmlu mill-ewwel, għax ir-Rivisti jridu ħafna xogħol. Biex toħroġ Rivista suret in-nies, trid fuq kollox: flus, u nies li jafu jiktbu, għax dan mhux xogħol ta' wieħed waħdu. Issa bħalma taraw, it-triq twattiet, u bil-għajnuna t'Alla l-ewwel, u bis-saħħa ta' Patri Nikol, ir-Rivista ħarġet. Għal issa sa tkun ta' darba kull tliet xhur, imma jekk il-Bambin irid, forsi għad tkun ta' darba kull xahrejn u jista' jkun ukoll ta' darba kull xahar.)*